

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-5 ta' Mejju 2010****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2008**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2008,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5827/2010 – C7-0061/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1406/2002 tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari fl-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0081/2010),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri tindika li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2008 huma affidabbli u li l-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom huma legali u regolari,
- B. billi fit-23 ta' April 2009 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Sigurtà Marittima Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 ⁽⁵⁾ u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja interalia d-deċiżjoni ta' kwittanza:
 - osserva li l-Qorti tal-Awdituri elenkat 32 trasferiment tal-baġit fl-2007 u nnota l-kritika tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tan-numru għoli ta' trasferimenti,
 - innota li, l-istess bħal fl-2006, il-Qorti tal-Awdituri reġgħet sabet li ttieħdu impenji legali qabel ma ttieħdu l-impenji baġitarji korrispondenti,
 - jistieden lill-Aġenzija biex tiżgura li l-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha jkunu trasparenti u ma jkunux diskriminatorji, b'mod partikolari billi tiżgura l-parteċipazzjoni tal-kumitat tal-persunal.

⁽¹⁾ ĠU C 304, 15.12.2009, p. 55.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.⁽⁵⁾ ĠU L 255, 26.9.2009, p. 172.

Prestazzjoni

1. Jinsab diżappuntat li l-Aġenzija naqset li theggi programm ta' ħidma pluriennali u li l-programm ta' ħidma annwali tagħha ma kienx relatat mal-baġit għall-impenji tagħha; jinsisti dwar l-importanza għall-Aġenzija li jiġu stabbiliti għanijiet SMART u indikaturi RACER fit-tfassil tal-programm tagħha bl-iskop ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħha; jinnota, madankollu, it-tweġiba tal-aġenzija li tassigura li tejbet il-programm ta' ħidma tagħha għall-2009 bit-twaqqif ta' objettivi u indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin u sistema aħjar ta' ppjanar tar-riżorsi; għalhekk jitlob, li din l-istrateġija titressaq lill-Parlament malajr kemm jista' jkun; jistieden, barra minn hekk, lill-Aġenzija biex tqis l-introduzzjoni tad-dijagramma ta' Gantt fil-programmazzjoni ta' kull attività operattiva tagħha, sabiex tindika b'mod konċiż l-ammont ta' żmien li jkun ħa kull membru tal-persunal fuq proġett u thegheg approach orjentat lejn il-kisba tar-riżultati;
2. Jitlob lill-Aġenzija biex tippreżenta, fit-tabella komparattiva tagħha, li tinhemeż mar-rapport li jmiss tal-Qorti, li turi l-operazzjonijiet magħmula matul is-sena ta' kwittanza eżaminata u dawk effettwati waqt is-sena finanzjarja preċedenti, sabiex l-awtorità ta' kwittanza tkun tista' tevalwa aħjar il-prestazzjoni tal-Aġenzija bejn sena u oħra;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-2008 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet sottostanti, meħuda bħala entità sħiħa, kienu legali u regolari;
4. Jinnota li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima rċeviet EUR 44 300 000 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 46 890 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mill-Baġit tal-Unjoni għall-2008;
5. Jiġġudika bħala preokkupanti l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri reġgħet sabet numru kbir ta' trasferimenti tal-baġit fl-2008 (52 fl-2008 u 32 fl-2007); jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li tiddikjara li t-trasferimenti prospettivi għall-ispejjeż amministrattivi kienu limitati għall-perjodu 2008-2009 minħabba r-rilokazzjoni tal-Aġenzija fl-uffiċċji definittivi tagħha; jinsab imħasseb, b'mod partikolari, minħabba l-fatt li bejn Ġunju u Novembru 2008, aktar minn EUR 2 000 000 li jikkorrispondu għall-approprijazzjonijiet destinati għall-ispejjeż tal-persunal ġew trasferiti għal-linji tal-baġit iddedikati għall-ispejjeż amministrattivi, u dan wassal biex jiżdiedu l-approprijazzjonijiet trasferiti għas-sena finanzjarja 2009 u biex jitnaqqas l-ammont li għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni; jinnota, madankollu, it-tweġiba tal-Aġenzija li timpenja ruħha li tkompli bl-isforzi tagħha bil-ħsieb li ttejjeb l-ippjanar u s-sorveljanza tagħha u b'hekk tnaqqas in-numru ta' modifiki baġitarji;
6. Jinnota li, l-istess bħal fl-2006 u fl-2007, il-Qorti tal-Awdituri reġgħet sabet li ttieħdu impenji legali qabel ma ttieħdu l-impenji baġitarji korrispondenti, jistieden, għaldaqstant, lill-Aġenzija biex tirdoppja l-isforzi tagħha fl-attivitàjiet ta' formazzjoni u ta' komunikazzjoni biex fil-ġejjieni jiġu evitati sitwazzjonijiet bħal dawn; jitlob, barra minn hekk, li l-azzjonijiet meħuda f'dan il-qasam jiġu rreġistrati fir-rapport ta' attività annwali tal-Aġenzija għall-2009;
7. Jinnota li l-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2008 juru dħul mill-interessi ta' EUR 519 598,10, li minnhom EUR 472 251,18 diġà tħallsu lura lid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport, u l-bqija ta' EUR 47 346,92 daħlu fil-kontijiet bħala spejjeż dovuti; jikkonkludi li mir-rendikonti finanzjarji annwali u mil-livell tal-pagamenti tal-imgħax l-Aġenzija għandha livell tar-riżervi ta' flus kontanti permanentement għoli ħafna; jinnota b'sodisfazzjoni li sal-31 ta' Diċembru 2008 l-ammont tar-riżervi ta' flus kontanti tal-Aġenzija kien tnaqqas għal EUR 3 610 677,41; jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-mezzi biex jiġi żgurat li r-riżervi ta' flus kontanti jkunu ġestiti b'mod sħiħ fuq bażi orjentata lejn il-ħtiġijiet, skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, u x'tibdil irid isir fl-istrateġija sabiex ir-riżervi ta' flus kontanti tal-Impriża Konġunta jinżammu permanentement baxxi kemm jista' jkun;

Verifika interna u riżorsi umani

8. Jirrikonoxxi li sal-aħħar tal-2008 l-Aġenzija implimentat 25 rakkomandazzjoni tas-Servizz tal-Verifika Interna (IAS) minn 32 mill-2006; jinnota li r-rakkomandazzjonijiet ikkunsidrati bħala "importanti ħafna" jirrigwardaw: l-adozzjoni tar-Regoli għall-Implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal li jikkonċernaw ir-reklutaġġ ta' staff temporanju bi qbil mar-Regolamenti tal-Persunal; il-kontrolli fil-proċedura tal-għażla biex jiġu żgurati aktar trasparenza u trattament ugwali għall-kandidati; l-iżvilupp ta' strateġija għall-ippjanar tal-karrieri (inklużi attivitàjiet ta' taħriġ, ikkwonċjar u ta' superviżjoni); u l-ippjanar aħjar tar-riżorsi umani;

9. Jirreferi, għal osservazzjonijiet oħra ta' natura orizzontali, li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni ta' kwittanza, għar-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Texts adopted, P7_TA(2010)0139 (Ara paġna 241 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).